DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2019**

| ID-DISA' SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) | IL-ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**L-Isem: ____________________________________ Il-Klassi: _______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES taqsimiet (A, B, C, D u E). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. Bħala ċittadin Malti għandi
   a) nitkellem biss bil-Malti
   b) dritt għall-vot
   c) immur il-quddies

2. Li tkun ċittadin Malti llum tfisser li tkun
   a) ċittadin Malti biss
   b) ċittadin Malti u Ewropew
   c) ċittadin Malti, Ewropew u globali

3. Il-valuri ċiviċi huma
   a) attivitajiet fis-soċjetà
   b) regoli ta' mġiba
   c) prinċipji importanti biex ngħixu ma' bnedmin oħra fis-soċjetà

4. Aġenzija tal-Ġnus Magħquda li taħdem favur id-drittijiet tal-ħaddiema hija
   a) l-UNICEF
   b) l-ILO
   c) l-UNHCR

5. Identità nazzjonali tfisser li
   a) inħossuna patrijotti
   b) inkunu nafu min aħna bħala individwi
   c) inkunu nafu min aħna bħala poplu

6. Dmir huwa dak li għandi
   a) nagħti fis-soċjetà
   b) nirċievi mingħand is-soċjetà
   c) nuża l-mezzi soċjali

7. Dritt huwa dak li għandi
   a) nagħti fis-soċjetà
   b) nirċievi mingħand is-soċjetà
   c) dejjem raġun

8. Il-ħajja komunitarja toffrilna
   a) il-prezzijiet tal-prodotti li nixtru
   b) sens ta' solidarjetà
   c) perikli differenti

9. Rwoli soċjali huma
   a) valuri komuni fis-soċjetà
   b) is-sehem li wieħed irid jagħti fil-grupp li jkun fih
   c) kif tiffunzjona s-soċjetà

10. Bit-terminu tolleranza nifhmu meta
   a) naċċettaw lil kulħadd
   b) ma naċċettawx lil kulħadd
   c) ma togħġobniex l-opinjoni tal-oħrajn

**(10 marki)**

**Taqsima B: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu fuq karta separata.**

It-terminu kultura jintuża biex jirreferi għal-lingwa, it-twemmin, il-valuri u n-normi, id-drawwiet, l-ilbies, id-dieta, l-irwoli, l-għerf u l-ħiliet, u l-affarijiet l-oħra kollha li n-nies jitgħallmu biex isawru l-mod ta' ħajja ta' kwalunkwe soċjetà. Il-kultura tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra permezz tal-proċess tas-soċjalizzazzjoni li permezz tiegħu l-individwi jitgħallmu jkunu parti mis-soċjetà li jgħixu fiha. F'dan is-sens il-kultura torbot l-individwu mas-soċjetà.

Għalkemm hemm ħafna aspetti tal-ħajja ta' kuljum li bosta membri ta' soċjetà jaqsmu bejniethom, hemm aspetti differenti ta' kultura. Il-kultura dominanti hija l-kultura prinċipali li hija mħaddna mill-maġġoranza tas-soċjetà, filwaqt li nsibu wkoll sottokulturi li jkunu differenti mill-kultura dominanti.

Adattata minn: *K. Browne (2015), Sociology for AQA Volume 1 (5th edition), Oxford, UK Polity Press*

**Mistoqsijiet**

1. X'nifhmu b'kultura? Semmi **tliet** elementi prinċipali li jsawru l-kultura. (5)
2. Spjega d-differenza bejn valuri u normi. Agħti **żewġ** eżempji ta' valuri li nsibu fil-kultura Maltija. (6)
3. Iddeskrivi **tliet** proċessi li bihom is-soċjetà Maltija qiegħda ssir aktar multikulturali. (6)
4. Għaliex huwa importanti li nirrispettaw kulturi differenti? (3)
5. Spjega din is-sentenza: *'Il-kultura dominanti hija l-kultura prinċipali li hija mħaddna mill-maġġoranza tas-soċjetà, filwaqt li nsibu wkoll sottokulturi li jkunu differenti mill-kultura dominanti.'* (5)

**(25 marka)**

**Taqsima C: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu fuq karta separata.**

Persuna hi individwu uniku. Kull persuna għandha identità unika li tiddependi minn aspetti differenti bħall-aspett fiżiku, aspett mentali u aspett soċjali fost ħafna oħrajn. L-identità tagħna tinqasam fi tnejn: l-identità personali u l-identità soċjali. Iżda barra li persuna hi kkunsidrata bħala individwu uniku, il-persuna hi wkoll meqjusa bħala ħlejqa soċjali. F'soċjetà, l-individwi ma jistgħux jgħixu waħedhom imma f'interazzjoni ma' nies oħra fi gruppi differenti. Dan iseħħ permezz tal-proċess tas-soċjalizzazzjoni meqjus bħala wieħed fundamentali fis-soċjetà. Huwa wieħed mill-modi li bih is-soċjetà tgħaddi l-kultura tagħha minn ġenerazzjoni għal oħra. L-individwu jibda sabiex jikseb l-abbiltà kif għandu jġib ruħu soċjalment u dan jibda fis-soċjalizzazzjoni primarja permezz tal-familja. Is-soċjalizzazzjoni sekondarja sseħħ aktar tard permezz tal-edukazzjoni u aġenti tas-soċjalizzazzjoni oħra.

Silta adattata minn: *Haralambos & Holborn (2013), Sociology Themes and Perspectives (8th edition), Harper Collins Publishers*

**Mistoqsijiet**

1. Spjega din is-sentenza: *'Persuna hi individwu uniku.'* (4)
2. Spjega d-differenza bejn **identità personali** u **identità soċjali**. (4)
3. Fisser kif jitwettaq u jseħħ il-proċess ta' interazzjoni soċjali. (5)
4. Identifika **żewġ** aġenti oħra tas-soċjalizzazzjoni minbarra l-familja u l-edukazzjoni. Fisser il-funzjoni tagħhom. (6)
5. Semmi **tliet** tipi ta' gruppi soċjali u identifika l-funzjonijiet rispettivi tagħhom. (6)

**(25 marka)**

**Taqsima D: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin fid-dettall fuq karta separata.**

1. Semmi **ħames** dmirijiet li għandna bħala ċittadini Maltin. (5)
2. Semmi **ħames** tipi ta' familji li nsibu fis-soċjetà llum. (5)
3. Agħti d-definizzjoni ta' edukazzjoni tul il-ħajja u agħti **żewġ** eżempji biex tispjega dan. (6)
4. Spjega d-differenza bejn indipendenza u interdipendenti. (4)

**(20 marka)**

**Taqsima E: Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 200-230 kelma dwaru.**

1. Ċittadin responsabbli jaqdi d-dmirijiet tiegħu kif suppost. Iddiskuti.
2. Gruppi ta' pressjoni għandhom rwol importanti ħafna fis-soċjetà moderna. Iddiskuti.
3. Ikteb dwar is-sottokulturi u spjega kif dawn żviluppaw matul iż-żmien u qed jaffettwaw lill-kultura dominanti.

**(20 marka)**
**Total: 100 marka**